MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Rikors Maħluf Numru 214/2018 LM

**Joseph Bugeja (K.I. Numru 723555M), Rita Bugeja (K.I. Numru 419764M), Christian Bugeja (K.I. Numru 502292M)**

***vs.***

**Clint Camilleri (K.I. Numru 160596M)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-5 ta' Marzu, 2018 minn **Joseph Bugeja** (K.I. Numru 723555M), **Rita Bugeja** (K.I. Numru 419764M) u **Christian Bugeja** (K.I. Numru 502292M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Joseph Bugeja u minn Christian Bugeja, li jgħid kif ġej:

***Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża***

1. *Illi nhar it-30 ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) waqt li Clint Camilleri kien qiegħed isuq il-vettura proprjetà ta' Joseph u Rita konjugi Bugeja tal-għamla*

*Toyota Supra b'numru ta' reġistrazzjoni 'JZA 300' huwa kien involut f'inċident awtomobilistiku, f'liema inċident, Clint Camilleri tilef il-kontroll tal-imsemmija vettura u baqa' dieħel ġo ħajt;*

2. *Illi l-imsemmi inċident awtomobilistiku seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut b'mod partikolari minħabba li saq b'veloċità qawwija u tilef il-kontroll tal-vettura 'JZA 300' bil-konsengwenza fuq imsemmija;*

3. *Illi b'riżultat ta' dan l-inċident awtomobilistiku, Joseph u Rita konjugi Bugeja sofrew danni konsiderevoli fuq il-vettura tagħhom li għalihom huwa responsabbli l-konvenut;*

4. *Illi minkejja li l-vettura hija l-proprjetà ta' Joseph u Rita konjugi Bugeja, it-tifel tagħhom ċioe Christian Bugeja huwa l-utent tal-istess, u sforz tal-inċident de quo qiegħed isofri minn "*emotional disregulation in the context of loss of a dream car" *u kaġun ta' dan kien ukoll preskritt mediċina sabiex tgħinu jiffaċċja t-trauma li għaddej minnha hekk kif jixhdu l-annessi ċertifikati magħmula mill-psikjatra Dr Anthony Dimech immarkat bħala Dok. A u Dok. B;*

5. *Illi l-konvenut minkejja li ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-atturi fl-imsemmi inċident awtomobilistiku, baqa' inadempjenti.*

***<u>Raġuni tat-Talba</u>***

6. *Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.*

***<u>Talbiet</u>***

*Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex, għar-raġunijiet premessi m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra permessa mil-liġi, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għal inċident awtomobilistiku li seħħ f'Ħal Far nhar it-tletin (30) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fuq il-vettura tal-esponenti tal-għamla Toyota Supra b'numru tar-reġistrazzjoni 'JZA 300' kif fuq premess u għall-konsegwenzjali danni li sofrew l-atturi;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni konsegwenzjali għall-inċident imsemmi sofferti mill-atturi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat bħala dovut* in linea *ta' danni;*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ta' nhar it-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ta' nhar il-5 ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Clint Camilleri** (K.I. 160596M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Marzu, 2018, u maħlufa minnu stess, fejn biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet atturi għandhom jiġu miċħuda kollha, u dan stante illi l-intimat ma kellu* ***assolutament u ċertament ebda tort u responsabbilità*** *għall-inċident li seħħ ġewwa Ħal Far, nhar it-tletin (30) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan peress illi mhux minnu illi l-inċident li kienet involuta fih il-vettura Toyota Supra bin-numru ta' reġistrazzjoni JZA 300 seħħ minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Clint Camilleri;*
2. *Illi la darba l-intimat* ***ma jaħti assolutament xejn, u mhux responsabbli*** *għall-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri, ma hemmx lok illi jiġu likwidati kwalunkwe danni a favur tal-atturi;*
3. ***Illi għalhekk isegwi illi t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda kollha, bl-ispejjeż kontra tagħhom;***
4. *Illi* in ogni caso, *u strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi jridu dejjem iġibu prova tad-danni sofferti minnhom, u li dawn id-danni sofrewhom unikament tort tal-intimat;*
5. *Illi fil-fatt, u dan kif se jirriżulta aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-istanti, l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ġara tort unikament tal-istess attur Christian Bugeja;*
6. *Illi fil-fatt, l-esponenti konvenut weġġa' serjament f'dan l-inċident, kif ser jiġi ppruvat waqt il-każ odjern;*
7. *Illi di più, ma hux minnu li l-attur Christian Bugeja beda jiġi segwit minn Psikjatra minħabba l-inċident in kwistjoni, iżda kif ser jirriżulta aħjar mit-trattazzjoni tal-każ odjern, minħabba raġunijiet oħrajn;*
8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-liġi, jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2020 fejn il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. L-atturi istitwew dawn il-proċeduri kontra l-konvenut wara inċident li seħħ fit-30 ta' April, 2017 waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq karozza sportiva tal-għamla Toyota Supra bin-numru ta' reġistrazzjoni 'JZA 300' ("il-vettura"), proprjetà tal-atturi ta' Joseph u Rita konjuġi Bugeja ġewwa Ħal Far. L-atturi jgħidu li dan l-inċident seħħ unikament tort tal-konvenut, li beda jsuq il-vettura inkwistjoni b'veloċità eċċessiva, u konsegwenza ta' dan spiċċa tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' dieħel taħt *trailer* mal-ġenb tat-triq. L-atturi Joseph u Rita Bugeja spjegaw li huma s-sidien irreġistrati ta' din il-vettura, imma din kienet tintuża minn binhom Christian, li huwa dilettant kbir tal-karozzi sportivi, u minħabba l-fatt li tilef din il-vettura li tant kienet għal qalbu u li ħadem għal diversi snin sabiex ikun jista' jakkwistaha, spiċċa jsofri minn trawma psikoloġika. Permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident, tillikwida d-danni sofferti minnhom u tikkundanna lill-intimat għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat.

4. Il-konvenut ħa l-pożizzjoni li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda għaliex huwa m'għandu l-ebda tort għal dan l-inċident, u għalhekk m'għandhom jiġu likwidati l-ebda danni li għandhom jitħallsu minnu. Jgħid li għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda. Jgħid ukoll li dan l-inċident seħħ unikament tort tal-attur li ħeġġu jsuq il-vettura inkwistjoni, u f'dan l-inċident huwa safa mweġġa' serjament. Il-konvenut ikkontesta wkoll id-debilità psikoloġika li Christian Bugeja jgħid li beda jsofri minnha in segwitu għal dan l-inċident, u jgħid li mhux minnu li kien dan l-inċident li wasslu biex jibda jara psikjatra.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. Flimkien mar-rikors promutur, l-atturi ppreżentaw kopja tar-rapport tal-psikjatra **Dr Anthony Dimech**[1], li eżamina lill-attur Christian Bugeja wara li seħħ l-inċident, u sab li dan qiegħed isofri minn *emotional disregulation* wara li tilef il-vettura. L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tal-*log book* tal-vettura involuta fl-inċident. L-attriċi **Rita Bugeja**[2] fl-*affidavit* tagħha qalet li hija tiġi omm Christian Bugeja, u l-vettura involuta fl-inċident hija proprjetà tagħha u tar-raġel tagħha, imma kienet tintuża minn binhom Christian. Żiedet tgħid li l-vettura inkwistjoni kienet inxtrat minn binha, imma bejn il-partijiet kien hemm ftehim li din kellha tiġi rreġistrata fuq il-ġenituri tiegħu. Ix-xhud spjegat li dakinhar li seħħ l-inċident, ir-raġel tagħha kien mar fuq il-post ġewwa Ħal Far, fejn kien sab lil binhom b'xokk kbir fuqu u aġitat ħafna. Qalet li wara l-inċident il-karattru ta' binha inbidel, u dan sar ibati minn dwejjaq kbar, jinqata' għalih waħdu u beda anki jevita li joħroġ ma' sħabu, partikolarment għaliex ħafna mill-ħruġ tiegħu kien ikun relatat mad-

---

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 20 tal-proċess.

delizzju tal-karozzi sportivi. Qalet li binha qiegħed jirċievi kura minħabba f'din it-trawma li għadda minnha u l-konsegwenzi koroh li din ħalliet fuqu. **Joseph Bugeja**, missier Christian Bugeja, fl-*affidavit* tiegħu[3] kkonferma dak li xehdet dwaru martu. **Christian Bugeja** min-naħa tiegħu xehed[4] li l-vettura hija rreġistrata fuq il-ġenituri tiegħu, imma hu minn età żgħira ħadem u stinka sabiex ikollu vettura bħal din. Qal li din il-vettura nxtrat minnu bi qbil mal-ġenituri tiegħu, u minkejja li din kienet irreġistrata fuqhom, huwa dejjem qies li din il-vettura kienet proprjetà tiegħu. L-attur qal li qabel l-inċident hu u l-konvenut kienu ħbieb kbar, u sikwit kienu joħorġu bil-vettura tiegħu. Qal ukoll li kemm hu kif ukoll il-konvenut huma ffissati fuq il-karozzi. Spjega li dakinhar tal-inċident, hu u Clint Camilleri kienu marru ġewwa Ħal Far f'post diżabitat viċin it-trakka tal-karozzi, sabiex jiltaqgħu ma' sħabhom. Qal li kif waslu fil-post, wieħed minn sħabhom, ċertu Carlos Farrugia, talbu jieħdu dawra bil-vettura tiegħu għaliex qatt ma kien rikeb fiha, u wara li għamel dan, huwa fetaħ il-*bonnet* tal-vettura sabiex ikun ċert li l-magna bdiet tiksaħ. Qal li kien ftit ħin wara li l-konvenut talbu jħallih isuq il-vettura. L-attur qal li hu ħalla lil Clint Camilleri jsuq il-vettura bil-patt u kundizzjoni li jagħmel dan b'kawtela kbira u li hu jirkeb miegħu bħala passiġġier. Qal li l-konvenut kien imdorri jsuq vettura sportiva, u għalhekk huwa kien jaf li ma kienx ser ikollu problema jsuq it-Toyota Supra. Żied jgħid li wara ftit tal-ħin huwa ħareġ mill-vettura sabiex jaraha tinstaq minn barra. L-attur iddeskriva dak li ġara fil-mumenti ta' wara b'dan il-mod,

> "Wara li waqqafni u stennieni ninżel minn ġewwa l-vettura, Clint bil-galbu kollu dawwar il-vettura b'tali mod li ġab it-Toyota Supra *parallel* mat-triq u ċioe bl-ebda forma ta' ostaklu quddiemha. Dan sar b'kawtela kbira. Sussegwentement Clint reġa' waqqaf kompletament il-vettura u dam wieqaf għal madwar żewġ sekondi. Fil-pront,

[3] *A fol.* 21 tal-proċess.
[4] *Affidavit a fol.* 22 tal-proċess.

> smajt il-magna tal-vettura tiegħi tirrevja, rajt ir-roti tal-istess vettura jduru fil-vojt u f'temp ta' ftit mumenti rajt lil vettura tinstaq b'mod veloċi ħafna u tilwi lejn il-ħajt. Ħdejn dan l-istess ħajt kien hemm wieqaf *trailer.*
>
> Fi ftit ħin il-vettura bi Clint ġo fiha jsuqha baqgħet dieħla taħt l-imsemmi *trailer* bil-vettura ssofri ħsarat estensivi."

Kompla jgħid li minkejja li l-vettura kienet għaddejja b'veloċità qawwija, mal-art fejn seħħ l-inċident ma kien hemm l-ebda traċċi ta' *brake* jew *skid marks.* Qal ukoll li dak il-ħin huwa kien fi stat ta' paniku, u minkejja li dak il-ħin irrealizza li l-vettura kienet ġarrbet ħsarat kbar, mar jiġri fuq il-konvenut sabiex jara jekk dan kellux ġrieħi. L-attur kompla jgħid li minħabba f'dan l-inċident, il-bieba tal-vettura ma setgħetx tinfetaħ, u għalhekk il-konvenut kellu jinħareġ minn waħda mit-twieqi. L-attur spjega kif minħabba l-ġrieħi li kellu l-konvenut, dan ittieħed l-isptar minn tnejn minn sħabhom, filwaqt li hu baqa' fuq il-post mal-vettura maħbuta sakemm ftit tal-minuti wara wasal missieru fuq il-post tal-inċident. L-attur spjega li huwa baqa' f'kuntatt mal-konvenut sabiex jara l-kundizzjoni medika tiegħu kif kienet, u dak iż-żmien il-konvenut kien infurmah li ma kellux għalfejn jinkwieta fuq flus għaliex kienu ser jirranġaw kollox bejniethom. Kompla jgħid li ftit tal-ġranet wara, il-konvenut beda jevitah u omm il-konvenut saħansitra ssuġġeriet li kulħadd jibqa' b'li ħa. L-attur qal li l-ispejjeż għat-tiswija tal-vettura huma għoljin ferm, u la hu u lanqas il-membri tal-familja tiegħu mhuma f'qagħda li jagħmlu dawn it-tiswijiet, partikolarment għaliex hu għadu qiegħed iħallas il-kontijiet relatati max-xiri tal-vettura. L-attur qal li huwa għadu ma jistax jaċċetta li wara ħafna tbatija u sagrifiċċji biex irnexxielu jixtri din il-vettura, spiċċa mingħajrha minħabba n-negliġenza tal-konvenut. Flimkien mal-

*affidavit* tiegħu l-attur esebixxa għadd ta' ritratti li juru kif seħħ l-inċident, bil-vettura tiegħu maħbuta taħt *trailer.*[5]

6. **Gabriel Vitale** fl-*affidavit* tiegħu qal li fit-30 ta' April, 2017[6], hu u wħud minn sħabu kienu marru Ħal Far fejn iltaqgħu mal-attur Christian Bugeja u mal-konvenut Clint Camilleri. Spjega kif f'ħin minnhom, hu ra lill-konvenut isuq il-vettura tal-attur, bl-attur riekeb miegħu bħala passiġġier, u dak il-ħin il-konvenut kien qiegħed isuq din il-vettura bil-galbu. Qal li wara ftit l-attur niżel mill-vettura tiegħu, u kien hemm kambjament fis-sewqan tal-konvenut. Ix-xhud qal li hekk kif l-attur niżel mill-vettura, huwa semgħu jwissi lill-konvenut biex ma jdaħħalx is-*second turbo.* Kompla jgħid li hekk kif il-konvenut beda jsuq il-vettura, din bdiet tinstaq la ġenba, sakemm b'mod veloċi din il-vettura baqgħet dieħla fit-*trailer* li kien hemm ipparkjat biswit ħajt. Dan ix-xhud qal li in segwitu għal dan l-inċident, ma kien hemm l-ebda marki jew sinjali ta' brejkijiet fl-art. Ix-xhud spjega li wara l-inċident, uħud minn sħabhom ħadu lill-konvenut l-isptar, u fil-ġranet ta' wara sema' lil sħabu jgħidu li l-konvenut kien ser iħallas għall-ħsara kkaġunata fil-vettura tal-attur.

7. **Jake Grech**, fl-*affidavit* tiegħu[7] spjega li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien mar ma' wħud minn sħabu ġewwa Ħal Far fejn iltaqgħu ma' għadd ta' ħbieb. Ix-xhud qal li lill-attur huwa ma kienx jafu qabel dakinhar tal-inċident, u dakinhar mar ikellmu sabiex ikun jista' jara l-vettura tiegħu. Ix-xhud spjega li huwa dilettant kbir tal-karozzi, u qal li hija ħaġa rari li wieħed jara vettura bħal tal-attur fi stat daqstant tajjeb, u għalih kien jidher biċ-ċar li l-attur jieħu ħsieb il-vettura

[5] *A fol.* 26 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 41 tal-proċess.
[7] *A fol.* 43 tal-proċess.

tiegħu. Ix-xhud spjega li f'ħin minnhom huwa ra lill-konvenut isuq il-vettura tal-attur bl-attur riekeb ħdejh, u ftit mumenti wara ra lill-attur jinżel mill-vettura. Qal li kif Clint Camilleri beda jsuq il-vettura waħdu, is-sewqan tiegħu nbidel, u seta' jisma l-vettura tirrevja. Qal li kien evidenti li waqt is-sewqan Camilleri tilef il-kontroll tal-vettura, bil-konsegwenza li baqa' dieħel taħt *trailer.* Żied jgħid li wara li seħħ l-inċident huwa sema' lill-attur jgħid lill-konvenut, "għidtlek biex ma tagħfashiex". Ix-xhud qal li l-konvenut kellu xi ġrieħi u kellu jittieħed l-isptar, filwaqt li l-attur kellu xokk kbir fuqu.

8. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018 xehed **Natalino Agius**[8], li spjega li huwa assessur tal-karozzi li tqabbad minn Joseph Bugeja sabiex jispezzjona l-vettura tal-għamla Toyota Supra li kellha ħsarat estensivi partikolarment fil-parti ta' quddiem tagħha, u li jestendu mal-istruttura kollha tagħha, jiġifieri max-*chassis*, mar-*re-inforcements* tax-*chassis* u mal-*inner wings* tagħha. Ix-xhud qal li huwa għamel l-ispezzjoni għand is-sidien tal-vettura, u huwa kien tal-fehma li minħabba l-ħsarat estensivi li kellha, din il-vettura ma kellhiex tissewwa. Qal ukoll li hemm diffikultajiet biex jinxtraw il-*parts* meħtieġa għat-tiswija ta' din il-vettura. Spjega li din il-vettura ddaħħlet Malta qabel l-2009, u għalhekk il-liċenzja tagħha hija waħda rħisa. Qal ukoll li l-vettura nxtrat mill-Ġappun, u għalhekk f'każ li *parts* tagħha jkunu jridu jinbidlu, dawn ikunu għoljin. Ix-xhud ikkonferma li qabel l-inċident il-vettura kellha valur ta' madwar sitta u tletin elf Euro (€36,000). Qal li din it-tip ta' vettura hija mfittxija minn min huwa dilettant tal-karozzi, u għandha speċifikazzjonijiet li jagħmluha vettura sportiva. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport imħejji minnu wara l-inċident[9], fejn jirriżulta li r-*wreck value* ta'

[8] *A fol.* 45 tal-proċess.
[9] *A fol.* 50 tal-proċess.

din il-vettura ġie stmat li huwa ta' madwar sebat elef Euro (€7,000). Waqt l-udjenza li saret fl-20 ta' Ġunju, 2018, l-istess xhud ikkonferma li minkejja li l-isem tas-sid indikat fuq il-*log book* tal-vettura huwa dak ta' Benitel Attard, huwa kien ġie inkarigat biex jispezzjona l-vettura minn Joseph Bugeja.

9. **Stephen Cachia** rappreżentant ta' Transport Malta[10], waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018, xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' amministratur fi ħdan id-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art. Ix-xhud qal li huwa għamel riċerka dwar il-vettura inkwistjoni, minn fejn jirriżulta li din il-vettura hija rreġistrata fuq Joseph Bugeja, u ilha hekk irreġistrata mis-26 ta' Awwissu, 2016. Ix-xhud ikkonferma li t-test tal-VRT fuq din il-vettura sar fl-10 ta' Marzu, 2017, u esebixxa r-rapport relattiv.[11]

10. Waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018 xehed **Paul Muscat**[12], li jmexxi negozju ta' VRT testing, li qal li huwa kien spezzjona l-vettura fl-10 ta' Marzu, 2017. Ix-xhud qal li dakinhar li spezzjona l-vettura, kien sab li l-*body* tagħha kien fi stat tajjeb ħafna.

11. Permezz ta' nota ppreżentata fl-24 ta' Settembru, 2018[13], l-attur **Christian Bugeja** ippreżenta kopja tal-FS3 bħala prova tad-dħul tiegħu fis-sena 2017, is-sena meta seħħ l-inċident, minn fejn jirriżulta li f'dik is-sena huwa kellu dħul gross ta' €10,652, li minnhom €233 tħallsu bħala taxxa u €1,014.23 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Ġiet esebita wkoll kopja tal-FS3 għas-sena

[10] *A fol.* 60 tal-proċess.
[11] *A fol.* 65 tal-proċess.
[12] *A fol.* 73 tal-proċess.
[13] *A fol.*79 tal-proċess.

2016[14], fejn jirriżulta li matul dik is-sena Christian Bugeja kellu dħul gross ta' €9,912 li minnhom tħallsu €122 bħala taxxa u €940.37 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.

12. L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tar-rapport redatt mill-Psikjatra **Dr Mark Xuereb**[15], fejn qal li beda jsegwi lil Christian Bugeja għall-ħabta ta' Jannar 2018, u b'kollox kien ra lil Christian Bugeja madwar tmintax-il darba. Dan ix-xhud spjega li fit-30 ta' April, 2017, Christian Bugeja kien għadu kemm spiċċa mix-xogħol li kien jagħmel fuq bażi *part-time* ma' Meli Garage, fejn kien isuq *taxi,* minkejja li kellu impjieg *full-time* mal-kumpannija Intercomp Limited. Dakinhar l-attur iltaqa' mal-ħabib tiegħu Clint Camilleri, u flimkien dawn saqu lejn Ħal Far fil-vettura li Christian Bugeja kien xtara s-sena ta' qabel. D Xuereb spjega li l-attur u l-konvenut saru ħbieb għaliex it-tnejn li huma kellhom id-delizzju tal-karozzi sportivi. Ix-xhud spjega kif mil-laqgħat li kellu mal-attur seta' jistabbilixxi li dan baqa' mweġġa' b'dak li kien ġara, partikolarment għaliex wara l-inċident, il-konvenut baqa' jgħix ħajtu daqslikieku ma kien ġara xejn, u ma kien wera l-ebda rimors għal dak li seħħ. Qal ukoll li l-attur kien xtara din il-vettura fl-2016, u kellu inċident biha madwar xahar wara, fejn din il-vettura kellha bżonn tiswijiet li damu madwar seba' xhur biex saru, u madwar xahrejn wara seħħ l-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri, u għalhekk l-attur ma tantx laħaq gawda din il-karozza. Ix-xhud spjega li l-attur qiegħed isofri minn disturbi mentali minħabba diversi ċirkostanzi, partikolarment in-nuqqas ta' rimors muri mill-konvenut għal dak li kien seħħ, u l-mod kif dan baqa' għaddej b'ħajtu daqslikieku ma kien ġara xejn; il-fatt li biex xtara din il-vettura l-attur kellu jaħdem ħafna u li aktarx li qatt

[14] *A fol.* 81 tal-proċess

[15] *A fol.* 84 tal-proċess.

mhu se jkun jista' jixtri vettura oħra tal-istess valur; il-passjoni tiegħu għall-vetturi u l-fatt li ħajtu dejjem kienet iddur madwar dan il-passatemp tiegħu; il-fatt li wara l-inċident l-attur żied ħafna fil-piż, kif ukoll il-fatt li l-konvenut ippreżenta bħala xhud tfajla li kien joħroġ magħha l-attur diversi xhur qabel seħħ l-inċident, sabiex tixhed kontra tiegħu. Ix-xhud kompla jgħid li konsegwenza ta' dan, l-attur għandu bżonn monitoraġġ psikoloġiku kontinwu. Qal ukoll li qraba tal-attur li tkellmu miegħu qalulu li l-personalità tal-attur inbidlet konsegwenza tal-inċident, għaliex dan sar jaqta' qalbu minn kollox, u jbati biex isib l-enerġija u l-motivazzjoni biex jagħmel dak kollu li kien jagħmel qabel. Ix-xhud qal li peress li l-attur kien jaħdem f'ambjent fejn kien isuq vettura għal diversi sigħat matul il-ġurnata, il-biżgħa li ħakmitu wara l-inċident, qiegħda twasslu biex ikun selettiv fl-impjiegi li jagħżel fil-futur. Ix-xhud ikkonkluda li bħala konsegwenza tal-inċident, l-attur Christian Bugeja qiegħed isofri minn *moderate post-traumatic stress disorder,* kif ukoll minn *adjustment disorders.* Ix-xhud kien tal-fehma li minħabba f'hekk l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' 20%.

13. Permezz ta' nota ppreżentata fl-10 ta' Ottubru, 2018, l-attur Christian Bugeja ppreżenta kopji tal-irċevuti bl-ispejjeż kollha inkorsi minnu konsegwenza tal-inċident, li jammontaw għal tlett elef, ħames mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€3,563.85). L-attur Christian Bugeja ppreżenta kopji ta' rċevuti maħruġa minn Brown's Pharmacy (€27.11)[16], irċevuta maħruġa minn Natalino Agius (€352)[17], Nigret Pharmacy (€13.70 u €13.72)[18], Central Pharmacy

[16] *A fol.* 137 tal-proċess.
[17] *A fol.* 110 tal-proċess.
[18] *A fol.* 113 tal-proċess.

(€13.39)[19], Da Vinci Health (21 irċevuta - €48[20], €68[21], €68[22], €48[23], €68[24], €48[25], €68[26], €48[27], €68[28], €78[29], €78[30], €78[31], €78[32], €78[33], €88[34], €78[35], €48[36], €50[37], €80[38], €78[39] u €80[40]), għadd ta' rċevuti għal servizzi ta' psikoterapija maħruġa minn Ray Micallef (€105, €70, €70, €35, €35, €35, €35, €35, €70, €70 u €70)[41], Central Pharmacy (€65.71)[42], Nigret Pharmacy (€31.03)[43], Ideal Pharmacy (€26.13 u €22.50)[44], Pentamer Ltd (€31.17)[45], Drug Shop Pharmacy (€13.39)[46] u irċevuta għar-rapport mediku maħruġ minn Dr Mark Xuereb (€900).[47]

14. Fl-*affidavit* tiegħu[48] l-konvenut **Clint Camilleri** qal li huwa sar jaf lil Christian Bugeja f'Settembru tal-2016, minħabba d-delizzju komuni tagħhom, jiġifieri l-isport tal-karozzi. Qal li meta sar jaf lill-attur, dan kien diġà għaddej minn fażi kerha f'ħajtu minħabba li ftit wara li xtara l-vettura mertu ta' dawn il-

[19] *A fol.* 113 tal-proċess.
[20] *A fol.* 120 tal-proċess.
[21] *A fol.* 127 tal-proċess.
[22] *A fol.* 129 tal-proċess.
[23] *A fol.* 128 tal-proċess.
[24] *A fol.* 131 tal-proċess.
[25] *A fol.* 130 tal-proċess.
[26] *A fol.* 133 tal-proċess.
[27] *A fol.* 132 tal-proċess.
[28] *A fol.* 134 tal-proċess.
[29] *A fol.* 119 tal-proċess.
[30] *A fol.* 121 tal-proċess.
[31] *A fol.* 122 tal-proċess.
[32] *A fol.* 123 tal-proċess.
[33] *A fol.* 125 tal-proċess.
[34] *A fol.* 124 tal-proċess.
[35] *A fol.* 126 tal-proċess.
[36] *A fol.* 135 tal-proċess.
[37] *A fol.* 116 tal-proċess.
[38] *A fol.* 117 tal-proċess.
[39] *A fol.* 136 tal-proċess.
[40] *A fol.* 118 tal-proċess.
[41] *A fol.* 111 u 112 tal-proċess.
[42] *A fol.* 113 tal-proċess.
[43] *A fol.* 113 tal-proċess.
[44] *A fol.* 113 u *a fol.* 114 tal-proċess.
[45] *A fol.* 113 tal-proċess.
[46] *A fol.* 114 tal-proċess.
[47] *A fol.* 115 tal-proċess.
[48] *A fol.* 140 tal-proċess.

proċeduri, huwa kellu inċident biha. Il-konvenut qal li l-attur lilu kien qallu li din il-vettura kienet kważi ġiet *total loss* fl-inċident li kellu ftit xhur qabel, u kien qallu wkoll li dan l-inċident kien ikkawżat minħabba difett li kellha l-vettura. Il-konvenut qal li meta l-attur kellu l-ewwel inċident bil-vettura, dan ma riedx jinvolvi lill-Pulizija, u l-istess għamel dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Kompla jgħid li meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, il-vettura tal-attur kienet ilha għandu madwar xahar. Qal li ftit wara li l-attur kellu l-ewwel inċident bil-vettura, dan kellu diżappunt ieħor minħabba li kienet telqitu t-tfajla li kellu, u għalhekk kien iħossu *depressed.* Il-konvenut qal li meta huwa sar jaf lill-attur, dan kien qallu li minkejja li l-vettura inkwistjoni kienet ġarrbet ħsarat kbar fl-ewwel inċident li kien involut fih, huwa kien fi ħsiebu jsewwiha, u għal dan il-għan kien xtara vettura oħra tal-istess għamla mill-Ingilterra sabiex juża l-parts tagħha fuq għall-vettura li kien ħabat biha. Qal ukoll li l-attur kien jitolbu ma jgħid xejn lil ħadd dwar dan, għaliex f'każ li jiġi biex ibigħ il-vettura inkwistjoni, ma kienx ser jirnexxielu jġib prezz tajjeb tagħha. Il-konvenut qal li fil-fatt biex issewwiet il-ħsara li ġarrbet il-vettura konsegwenza tal-ewwel inċident, l-attur kien nefaq madwar għaxart elef Euro (€10,000). Kompla jgħid li huwa sar jaf li l-attur biddel diversi partijiet tal-vettura, iżda ħalla l-istess *chassis number* u dan sabiex jevita li togħla l-liċenzja, u sabiex jiffranka wkoll il-flus tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Il-konvenut sostna li wara l-ewwel inċident li kellu l-attur, il-karozza suppost li ġiet *written off,* imma l-attur ma riedx jaf għaliex ried iħalliha bil-liċenzja l-antika. Il-konvenut qal ukoll li huwa sar jaf li meta nġabet Malta, il-vettura inkwistjoni kienet involuta f'inċident serju u kellha daqqa konsiderevoli. Sar jaf ukoll li l-attur ma riedx jibdel it-*tyres* li l-vettura ġiet bihom minn barra għaliex ried jaħraqhom, u għalhekk din il-vettura ma kinitx fl-aħjar kundizzjoni biex tkun tista' tinstaq. Il-konvenut qal li Christian Bugeja kien ġab l-

ewwel vettura mill-Ġappun, iżda bnieha b'*parts* li ġab mill-Ingilterra, u għalhekk il-vettura involuta fl-inċident kellha taħlita ta' *parts* tal-Ġappun u *parts* tal-Ingilterra, bir-riżultat li żdied ir-riskju meta din il-vettura tintuża fit-triq. Kompla jgħid li l-attur ried karozza li ttellaq, u għalhekk għamlilha ħafna modifikazzjonijiet, u spjega illi,

> "Fil-fatt, meta karozza jkollha daqstant *parts* modifikati u kif ukoll imħallta peress li tkun wisq riskjuża biex tinstaq, aktar u aktar meta Chris bena karozza li kienet kważi *total loss,* u għalhekk kienet diġà riskjuża. Tant hu hekk, li għandi dubju kbir jekk Chris għandux din il-karozza assigurata fuqu."

Dwar dakinhar li seħħ l-inċident, il-konvenut qal li Christian Bugeja ried joħroġ dawra bil-vettura, għaliex ried isuqha wara li kien ilu xhur jaħdem fuqha. Il-konvenut qal li huwa kien mar miegħu Ħal Far sabiex jarah isuqha, u magħhom kien hemm xi ħbieb tagħhom ilkoll dilettanti tal-karozzi. Qal li wara li l-vettura nstaqet mill-attur, dan ried li l-vettura tinstaq mill-konvenut sabiex hu jkun jista' jisma' l-magna tagħha, u dak il-ħin huwa ma aċċettax li jsuq vettura li mhix tiegħu, imma xi ħin wara aċċetta li jsuqha fuq insistenza tal-attur. Qal li hu daħal fil-karozza, irriversja u waqaf, u kif ġie biex isuq 'il quddiem, il-karozza "litteralment ħaditni u spiċċajt taħt *trailer."* Il-konvenut kompla jgħid li dak il-ħin huwa ħass weġgħa u induna li kellu qasma kbira f'rasu, u għalhekk kellu jittieħed l-isptar. Il-konvenut qal li l-attur la ried idaħħal il-Pulizija u lanqas ried li l-konvenut jittieħed l-isptar bl-ambulanza għax beża' li jispiċċa fl-inkwiet. Qal li kien għalhekk li huwa bagħat messaġġ lill-attur fejn qallu biex jgħidu li kien waqa' minn fuq ċint, għaliex huwa kien iqis lill-attur bħala ħabib tiegħu u ma ridux jispiċċa fl-inkwiet. Il-konvenut qal li huwa għad għandu ferita f'rasu. Qal ukoll li l-attur ma riedx jinkixef x'kien għamel, u kien qabbad lil missieru stess jirmonka l-vettura minflok qabbad servizz tal-irmonk professjonali. Il-konvenut ikkonkluda

billi qal li l-inċident ma seħħx għaliex huwa kien negliġenti jew traskurat fis-sewqan, għaliex l-inċident ma seħħx waqt li huwa kien qiegħed isuq il-vettura, tant hu hekk l-i*speed* dak il-ħin kien 0km/h. Qal illi kif qala', l-vettura ħaditu u ġibdet fid-dritt u mhux waqt li kienet qiegħda tinstaq. Qal ukoll li l-vettura tal-attur tant kienet difettuża, li fil-ħin tal-inċident infetħet l-*airbag* tal-passiġġier imma l-*airbag* tax-xufier baqgħet ma nfetħitx. Il-konvenut qal li kien biss wara l-inċident li huwa skopra li din il-vettura kienet difettuża, u din il-vettura kienet għoddha qatlitu. Qal ukoll li mhux minnu li l-attur qabditu dipressjoni minħabba f'dan l-inċident, għaliex huwa kien diġà jbati minn dipressjoni qabel saru ħbieb. Il-konvenut qal li l-inċident seħħ tort tal-attur, u mhu veru xejn li hu kien avviċina lill-ex-tfajla tal-attur u pprova jdawwarha kontra tiegħu, u kulma għamel kien li indikaha biss bħala xhud.

15. Waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018, xehed **Carlos Farrugia**[49], li spjega li huwa ħabib tal-konvenut, u li kien preżenti meta seħħ l-inċident. Qal li waqt li kienu Ħal Far, kien l-attur li beda jinsisti mal-konvenut biex isuq il-vettura, u l-konvenut beda jirrifjuta li jagħmel dan. Kompla jgħid li mbagħad il-konvenut ċeda għall-pressjoni li għamillu Christian Bugeja, u l-konvenut eżatt xħin ipprova jaqla' u jibda jsuq, il-vettura baqgħet dieħla ġo *container.* Ix-xhud spjega li dan kollu ġara f'temp ta' żewġ minuti, u l-konvenut spiċċa weġġa' f'dan l-inċident. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri għandha *rear-wheel drive,* u għalhekk wieħed ma jistax jgħid din x'tagħmel xħin tiġi biex isuqha. Qal ukoll li l-konvenut laħaq saq tul ta' madwar żewġ karozzi qabel seħħ l-inċident. Waqt il-kontroeżami, ix-xhud ikkonferma għal darb'oħra li l-konvenut kien imġiegħel isuq il-vettura mill-attur.

[49] *A fol.* 144 tal-proċess.

16. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Yurgen Camilleri**[50], li qal li huwa kien ilu jaf lill-konvenut minn mindu kienu l-iskola, u dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed Ħal Far ma' sħabu. Qal li l-inċident seħħ waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura tal-attur, u xħin kien qiegħed jaqla' baqa' dieħel f'*container.* Ix-xhud qal li dak il-ħin kull min kien preżenti nħasad bl-inċident, u għalkemm ippruvaw jiftħu l-bieba tal-vettura sabiex joħorġu lill-konvenut minnha, huma ma rnexxielhomx jagħmlu dan.

17. Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019[51], u dan ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident, il-vettura kienet miżmuma fi stat tajjeb. Christian Bugeja kkonferma li l-vettura kienet involuta f'inċident ieħor madwar sena qabel, u din ġiet irranġata. Spjega li sabiex irranġa l-vettura hu ġab *body* ta' vettura bħalha mill-Ingilterra u bidlu, għalkemm x-*chassis* tal-vettura ma ġiex mibdul. B'riferiment għall-fatt li waqt l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri infetħet biss *airbag* waħda u mhux it-tnejn li huma, l-attur qal li jista' jkun li s-*sensors* tal-vettura ma bdewx jaħdmu kif suppost, u li din hija xi ħaġa li tiġri anki f'vetturi moderni. L-attur qal li fl-ewwel inċident intmess biss il-*body* tal-vettura u mhux ix-*chassis* jew is-*sensors* tagħha. Qal ukoll li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, it-*tyers* tal-vettura kienu fi stat tajjeb ħafna, minkejja li huwa kellu f'moħħu li jbiddilhom ftit wara. Qal ukoll li huwa kien qiegħed jagħmel *burnouts* bit-*tyers* li kellu, imma dawn it-*tyers* ma kinux maħruqin, u huwa kien qiegħed jistenna li dawn jiġu eżawriti kompletament qabel ibiddilhom. Qal li l-unika raġuni għalfejn kien iddeċieda li jibdel it-*tyers* kienet minħabba r-rimmijiet u mhux minħabba t-*tyers* infushom. L-attur

[50] *A fol.* 154 tal-proċess.
[51] *A fol.* 163 tal-proċess.

ikkonferma li kellu konversazzjoni mal-konvenut fejn kien qallu li s-*sensor* tat-*traction control* ma kienx qiegħed jaħdem kif suppost u għalhekk kien bidlu. Qal ukoll li meta ġab il-vettura mill-Ingilterra huwa kien bidel it-*tyers* tal-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri mat-*tyres* tal-vettura li ġab mill-Ingilterra, u minkejja dan xorta waħda kien qiegħed jaħraqhom. L-attur qal ukoll li minkejja li l-konvenut kien ilu jesprimi x-xewqa li jsuq il-vettura tiegħu, dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien qallu li dak kien il-waqt li jipprova jsuq il-vettura. Kompla jgħid li mhux minnu li l-konvenut beda jibża' jsuq il-vettura, anzi għall-kuntrarju beda jidħaq u juri ruħu sodisfatt li fl-aħħar kien ser jaqta' xewqtu. Żied jgħid li huwa ħass li seta' jafda lill-konvenut għaliex dan kien imdorri jsuq karozzi sportivi, u l-karozzi tiegħu huma f'kundizzjoni tajba ħafna. Qal ukoll li kien il-konvenut li ssuġġerielu li ma kellhomx jinvolvu l-Pulizija. Qal li wara l-inċident kulħadd kien ixxukkjat b'dak li ġara u dak il-ħin ma kellux moħħ jaħseb. L-attur ikkonferma li wara l-inċident huwa beda jingħata kura psikjatrika, u minkejja li kien ħass diżappunt wara li r-relazzjoni li kellu ma' ċerta 'Elaine' kienet spiċċat, meta xtara l-vettura inkwistjoni għaddielu kollox. Ikkonferma li huwa ma bediex imur għand il-psikjatra minħabba l-ex-tfajla tiegħu, imma minħabba fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-attur qal li t-*tyers* li kellu fuq il-vettura fil-ħin tal-inċident ma kinux *tyers* tad-*drag,* li jservu ħafna inqas minħabba li jkollhom *grip* kbir, imma *tyers* tal-għamla Bridgestone li huma maħsuba għall-użu fit-triq.

18. Permezz ta' nota ppreżentata fis-6 ta' Frar, 2019, il-konvenut ippreżenta tliet ritratti tal-vettura inkwistjoni, kif ukoll kopja ta' messaġġi elettroniċi li l-partijiet bagħtu lil xulxin qabel seħħ l-inċident.[52] Permezz ta' nota tal-21 ta' Marzu, 2019, l-atturi ppreżentaw kopja ta' skambju ta' messaġġi li l-partijiet

[52] *A fol.* 187 u 188 tal-proċess.

bagħtu lil xulxin wara li seħħ l-inċident, u diversi ritratti elevati mill-paġna tal-*Facebook* tal-konvenut, fosthom ritratti li l-konvenut ħa tal-vettura inkwistjoni meta din kienet ipparkjata f'postijiet differenti.[53]

19. Il-kontroeżami tal-konvenut sar waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019[54], fejn dan qal li hu għandu żewġ vetturi tal-għamla Toyota. Il-konvenut qal li huwa dilettant tal-karozzi, u jifhem fil-vetturi ta' dilettant li hu. Qal li l-informazzjoni dwar l-inċident li kellu l-attur Christian Bugeja xi xhur qabel, u dwar il-*parts* li bidel fil-vettura inkwistjoni, ġabha mingħand l-attur innifsu. Il-konvenut qal li qabel seħħ l-inċident, kien ikun hemm ġranet meta l-attur kien iħeġġu biex joħorġu, għalkemm ma setax jiftakar jekk dakinhar tal-inċident kienx hu li ħeġġeġ lill-attur sabiex imorru Ħal Far. Ikkonferma li kien l-attur li għadda għalih biex marru Ħal Far. Il-konvenut qal li kien hemm drabi meta huwa kien iħallas lill-attur tal-petrol għaliex kien jaf li din il-vettura tikkonsma ħafna *fuel.* Qal ukoll li dakinhar li seħħ l-inċident it-tnejn li huma riedu joħorġu bil-vettura. Żied jgħid li huwa kien jaf li l-attur ried jibdel it-*tyers* tal-vettura, tant hu hekk li kien xtara *tyers* ġodda, però qabel jibdilhom ried jaħraq il-qodma. Il-konvenut kompla jgħid li għalkemm il-vettura inkwistjoni għaddiet mit-test tal-VRT, it-*tyers* tagħha ma kinux tajbin għas-sewqan, għaliex kif qala' mill-ewwel tilef il-kontroll, u qal li vettura normali ma tagħmilx hekk. Il-konvenut qal li t-*tyers* il-ġodda nxtraw mingħand Montebello madwar tlieta jew erbat ijiem qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-konvenut qal li lilu l-karozzi sportivi kollha jogħġbuh u mhux biss dik li kellu l-attur. Dwar dakinhar li seħħ l-inċident, il-konvenut qal li huwa kien mar mal-attur jagħti l-petrol mir-Rabat, u wara l-attur saq lejn Ħal Far.

---

[53] *A fol.* 205 *et seq* tal-proċess.
[54] *A fol.* 215 tal-proċess.

Qal li huwa ħa xi ritratti tal-vettura tal-attur bil-*mobile* tiegħu, u wara ftit l-attur beda jħeġġu biex jipprova jsuqha. Qal li dik kienet l-ewwel darba li huwa pprova jsuq il-vettura tal-attur, għalkemm spiss kien jirkeb mal-attur bħala passiġġier. Qal li l-inċident seħħ ftit mumenti biss wara li huwa beda jsuq il-vettura, u l-attur kien niżel mill-vettura għaliex ried jisma' l-ħoss tagħha waqt li din tkun qed tinstaq fit-triq. Qal ukoll li huwa kien qiegħed jipprova jaqla' fil-parti d-dritta tat-triq, meta l-vettura telqet bih. Il-konvenut qal li ma jistax ikun li huwa kien qiegħed isuq b'veloċità għax l-inċident seħħ wara biss ftit sekondi. Il-konvenut qal li l-inċident kellu l-konsegwenzi li kellu għaliex huwa daħal f'*container* li hu ferm aktar b'saħħtu mill-vettura li kien qiegħed isuq. Il-kontroeżami tal-konvenut tkompla waqt l-udjenza tat-12 ta' April, 2019[55], fejn qal li xħin wasal l-isptar huwa staqsa lill-attur x'verżjoni kien ser jagħti dwar kif seħħ l-inċident. Qal li l-attur kien qallu biex jgħid li waqa' minn fuq ċint għaliex beża' li jiġi fl-inkwiet mal-Pulizija. Il-konvenut qal li huwa ma jiftakarx li kien bagħat messaġġ lill-attur fejn qallu biex ma jinkwetax dwar flus, u qal li għal xi ħin wara li seħħ l-inċident huwa ntilef minn sensih għaliex kellu xokk qawwi u kien tilef ħafna demm.

20. Waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2019 sar il-kontroeżami ta' **Natalino Agius**[56], li qal li f'temp ta' ftit ġimgħat huwa kien eżamina l-vettura darbtejn. Qal li huwa ra l-vettura u talab kopja tal-*log book* lis-sid kif jagħmel dejjem, u dak il-ħin irriżultalu li l-vettura kienet ġiet sprejjata kollha. Qal li normalment dan isir għaliex il-vettura jkollha ħsara fiż-żebgħa, u x-xogħol li sar fuq il-vettura inkwistjoni kien sar skont is-sengħa. Ix-xhud qal li mill-informazzjoni li ngħatatlu, ma setax jistabbilixxi l-vettura kemm kellha sidien qabel ġiet akkwistata mill-

---

[55] *A fol.* 236 tal-proċess.
[56] *A fol.* 243 tal-proċess.

atturi, imma qal li din kienet inġabet Malta minn importatur li jġib il-vetturi mill-Ġappun. Ix-xhud qal li huwa stabbilixxa li l-valur tal-vettura kien ta' madwar ħamsa u tletin elf Euro (€35,000). Qal li waħda mill-problemi fil-każ ta' vetturi bħal dawn hija li ma ssibx tixtri vettura bħalha bl-istess kundizzjonijiet, għaliex din il-vettura partikolari ddaħħlet Malta qabel l-2009 u għalhekk kienet tapplika għaliha rata ta' taxxa differenti minn dik li tapplika għal vetturi simili li ġew impurtati wara l-2009. Ix-xhud qal li ma setax isib hawn Malta vettura identika għal dik tal-attur meta ġie biex jistabbilixxi l-prezz ta' din il-vettura, u għalhekk kien qabbel il-prezz tagħha ma' dik ta' vetturi simili. Qal li l-*amateur racing cars* bejn wieħed u ieħor kollha għandhom l-istess valur. Ix-xhud qal li meta induna li l-vettura kienet sprejjata, kien tkellem dwar dan ma' sidha, li kien infurmah li kellu xi ħsarat fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura, liema ħsarat iżda ma kinux jinvolvu l-istruttura tagħha, iżda kienu biss tiswijiet kożmetiċi, u s-sid kien iddeċieda li jisprejja l-vettura kollha sabiex din tiġi uniformi. Ix-xhud qal li l-valur ta' vetturi bħal dawn dejjem jiżdied għaliex ftit għad hawn bħalhom u huma mfittxija ħafna. Ix-xhud ikkonferma li meta eżamina l-vettura, it-*tyers* tagħha kienu f'kundizzjoni tajba.

21. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2019, il-Qorti ħatret lil **Mario Cumbo** bħala espert tekniku ġudizzjarju sabiex jirrelata dwar il-valur ta' din il-vettura qabel u wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-espert tekniku ġudizzjarju ppreżenta r-rapport tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti fl-24 ta' Settembru, 2019[57], fejn qal li huwa eżamina l-vettura inkwistjoni fil-preżenza taż-żewġ partijiet. Fir-rapport tiegħu l-espert tekniku ġudizzjarju kkonstata li konsegwenza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, il-vettura sofriet ħsara konsiderevoli, u ma ġiex

[57] *A fol.* 230 tal-proċess.

rakkommandat li din tissewwa għaliex il-proċess tat-tiswija kien jinvolvi ħafna spejjeż u ħin. L-espert tekniku ġudizzjarju kien jistma l-ispiża għat-tiswija tal-vettura fl-ammont ta' €26,308.58, u żied jgħid li din l-istima mhijiex waħda konklussiva għax wara li jibdew jinbidlu l-partijiet tal-vettura tista' tinstab ħsara oħra li tkun għadha ma tidhirx. Ix-xhud qal ukoll li peress li dawn it-tip ta' vetturi jinxtraw biss mid-dilettanti, il-prezz tagħhom ivarja skont il-modifiki u l-ispeċifikazzjonijiet li jkunu saru fuq il-vettura, u vettura simili llum tiswa madwar €34,000 sabiex tinġieb hawn Malta. Ix-xhud spjega li l-vettura tal-atturi kienet iddaħħlet Malta qabel l-2007, u għalhekk il-liċenzja tat-triq fil-każ tagħha kienet aktar baxxa milli kieku l-vettura ddaħħlet Malta fis-snin ta' wara. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, l-espert tekniku ġudizzjarju spjega li kien wasal għall-valur b'dan il-mod:

> "*Final note: Pre-Accident value is in the region of €34k*
>
> *Wreck value is in the region of €6k*
>
> *Due to the nature of damages, if the car had to be repaired and taking into consideration the fact that the car is a second hand imported vehicle and has changed ownership at least twice since it had been imported, a depreciation of 10% to 12% is to be accounted for in the settlement.*
>
> *That is: Replacement value €34,000*
>
> *Less depreciation €3,400*
>
> *Less wreck value €6,000*
>
> *Suggested settlement €24,600 and the owner retains the wreck.*"

22. Il-partijiet għamlu diversi domandi in eskussjoni tal-espert tekniku ġudizzjarju Mario Cumbo, li wieġeb fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2020.[58] L-espert tekniku ġudizzjarju spjega li minkejja li fir-rapport tiegħu huwa elenka l-ħsarat li

---

[58] *A fol.* 292 tal-proċess.

ġarrbet il-vettura tal-atturi, din il-lista mhix waħda eżawrjenti għaliex meta l-vettura tibda tiżżarma hemm il-possibilità li jinstabu aktar ħsarat. Qal ukoll li l-valur ta' dawn il-ħsarat possibbli, mhumiex inklużi fiċ-ċifra tad-danni mogħtija minnu. L-espert tekniku ġudizzjarju spjega li huwa ma kellux l-apparat meħtieġ sabiex jeżamina l-parti ta' isfel tal-vettura, għalkemm qal li l-ħsara tinsab ikkonċentrata fil-parti ta' fuq tagħha. Żied jgħid li l-mudell ta' din il-vettura huwa wieħed partikolari u huwa mfittex ħafna mid-dilettanti, u m'hawnx ħafna minnhom fil-pajjiż u min ikollu waħda bħala normalment iżommha u mhux ibigħha. L-espert tekniku ġudizzjarju spjega li meta eżamina l-vettura din kienet f'għalqa esposta għall-elementi, u meta tkellem mas-sidien tagħha, dawn qalulu li wara l-inċident ma kienu bidlu xejn fil-vettura. Żied jgħid li l-vettura kienet ġiet sprejjata mill-ġdid u għalhekk kien hemm il-possibilità li qabel din kienet involuta f'inċident ieħor. Għad-domandi li sarulu mill-avukat difensur tal-konvenut, l-espert tekniku ġudizzjarju qal li minkejja li huwa seta' jikkonstata li l-*airbags* tan-naħa tas-sewwieq ma nfetħux fil-ħin tal-inċident, ma setax jikkonferma r-raġuni għalfejn ġara dan. Qal ukoll li meta huwa eżamina t-*tyers* tal-vettura sab li dawn kienu armati ħażin, fis-sens li d-*direction of rotation* tagħhom kienet bil-kontra għaliex kienet qiegħda tħares lura. Huwa żied jispjega:

> "Però fil-*handling* tal-vettura ma jagħmilx differenza jekk ma kinitx ix-xita. Id-*direction of rotation* tagħmel differenza fil-mod ta' kif it-*tyre* jiknes l-ilma minn taħtu. F'dan il-każ ma ħassejtx li kienet tagħmel differenza għal raġuni sempliċi li meta ġara l-inċident ma kinitx xita u l-art kienet xotta u allura ma kinitx ser tagħmel differenza però iva nikkonferma li l-erba' roti kienu bit-*tyres* fid-direzzjoni opposta."

L-espert tekniku ġudizzjarju qal ukoll li fil-fehma tiegħu dawn it-*tyers* kienu għadhom tajbin u ma kinux mikulin.

23. Waqt l-istess udjenza reġa' xehed l-attur **Christian Bugeja**[59], li qal li wara l-inċident il-vettura kienet qiegħda tinżamm ġo garaxx, imma ftit qabel saret l-ispezzjoni mill-espert tekniku ġudizzjarju, il-vettura nħarġet fi trejqa.

24. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2020, reġa' xehed **Stephen Cachia**[60], rappreżentant ta' Transport Malta, li qal li l-vettura inkwistjoni hija reġistrata fuq Joseph Bugeja, u kienet ilha rreġistrata fuq ismu mis-26 ta' Awwissu, 2016. Ix-xhud qal li l-vettura ġiet iggaraxxjata fil-15 ta' Novembru, 2017.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

25. F'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti normalment tibda billi tistħarreġ il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident li jkun wassal għat-talba għad-danni mill-parti attriċi. Mill-provi jirriżulta li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ meta grupp ta' ħbieb iltaqgħu ġewwa Ħal Far, fejn jiltaqgħu d-dilettanti tal-karozzi sportivi, u l-attur ippermetta lill-konvenut isuq il-vettura sportiva proprjetà tal-atturi fil-kawża. Jirriżulta li l-partijiet fil-kawża kienu ħbieb kbar qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u d-delizzju tal-karozzi sportivi kien il-fattur komuni li ressaqhom lejn xulxin. L-attur Christian Bugeja spjega li l-vettura kienet ġiet akkwistata minnu madwar sena qabel, wara li ħadem ħafna sabiex irnexxielu jakkwistaha, u mill-mod kif xehed dan l-attur irriżulta bl-aktar mod ċar li huwa dilettant kbir tal-karozzi sportivi, u li investa ħafna ħin u flus fuq din il-vettura partikolari.

---

[59] *A fol.* 308 tal-proċess.
[60] *A fol.* 314 tal-proċess.

26. Mill-provi jirriżulta li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ wara li l-attur għadda għall-konvenut, u dawn saqu flimkien lejn Ħal Far bil-karozza sportiva tal-attur, fejn iltaqgħu ma' ħbieb oħra tagħhom. Għal xi raġuni, waqt li l-partijiet kienu Ħal Far, l-attur ippermetta lill-konvenut isuq il-vettura għal ftit, għalkemm il-partijiet taw verżjonijiet kunfliġġenti dwar kif seħħ dan, bl-attur jgħid li kien il-konvenut li wera x-xewqa li jsuq il-vettura, u bil-konvenut jgħid li l-attur qallu li f'każ li ried isuq ftit il-vettura, dak il-ħin kien iċ-ċans tiegħu. L-attur xehed li huwa wissa lill-konvenut biex joqgħod attent, għalkemm ħass li seta' jafda lill-konvenut bil-vettura għax kien jaf li dan kien imdorri jsuq karozzi sportivi. Jirriżulta mill-provi li l-konvenut saq il-vettura għal ftit bl-attur riekeb maġenbu, u x-xhieda kollha li kienu preżenti fuq il-post ikkonfermaw li dak il-ħin il-konvenut saq bil-galbu. Jirriżulta wkoll li għal xi raġuni l-attur ried jinżel mill-vettura sabiex ikun jista' jammiraha minn barra waqt li l-konvenut ikun qiegħed isuqha, u li kien dak il-ħin li l-konvenut għal xi raġuni tilef il-kontroll tal-vettura hekk kif beda jsuq, u spiċċa daħal taħt *trailer* li kien ipparkjat mal-ġenb tat-triq. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' persuni li kienu fuq il-post, fosthom lil Gabriel Vitale, li qal li sema' lill-attur iwissi lill-konvenut biex ma jsuqx fuq is-*second turbo,* u lil Jake Grech jgħid li s-sewqan tal-konvenut inbidel hekk kif dan sab ruħu fil-vettura waħdu wara l-i*steering*.

27. Imma l-konvenut insista li huwa m'għandu l-ebda ħtija għall-inċident, u spjega li hekk kif ipprova jaqla' sabiex jibda jsuq, il-vettura mill-ewwel ħaditu u tilef il-kontroll tagħha, bil-konsegwenza li baqa' dieħel taħt *trailer*. Il-konvenut allega li l-inċident seħħ għaliex il-vettura inkwistjoni kienet difettuża u kienet ġiet modifikata b'diversi modi mill-attur, u għalhekk kien ferm riskjuż li wieħed isuq din il-vettura fit-triq. Il-konvenut qal li l-attur kien qallu li waħħal

*parts* minn vettura impurtata mill-Ingilterra fuq din il-vettura li ġiet impurtata mill-Ġappun, u dan kollu rrenda l-vettura inkwistjoni waħda mhix sigura għall-użu fit-triq. Il-konvenut qal ukoll li l-attur kien xtara *tyers* ġodda sabiex iwaħħalhom fuq din il-vettura, u baqa' ma waħħalhomx għaliex l-ewwel ried jaħraq it-*tyers* li kellu.

28. Il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, partikolarment ix-xhieda mogħtija mill-partijiet, kif ukoll ix-xhieda li ngħatat minn persuni li jistgħu jitqiesu li huma esperti fil-qasam tal-karozzi sportivi, sabiex tkun tista' tistabbilixxi min mill-partijiet għandu jġorr ir-responsabbilità għall-akkadut. Jirriżulta mill-provi li l-vettura inkwistjoni ġiet akkwistata mill-attur madwar sena qabel seħħ l-inċident, u wara madwar xahar l-attur kellu inċident biha, bil-konsegwenza li l-vettura ma setgħetx tintuża għal perijodu ta' madwar seba' xhur sakemm issewwiet. Jirriżulta wkoll li wara li l-attur reġa' beda juża il-vettura, spiss kien jgħaddi għall-konvenut biex imorru dawra biha, tant hu hekk li l-konvenut fix-xhieda tiegħu qal li kien hemm drabi meta huwa kien ħallas għall-*petrol* peress li l-vettura kellha konsum għoli ta' petrol. Dakinhar li seħħ l-inċident, xħin il-partijiet waslu Ħal Far, l-attur ippermetta lill-konvenut isuq il-vettura. L-attur spjega li huwa ħass li seta' jafda lill-konvenut għaliex dan kien imdorri jsuq vetturi sportivi, u huwa wissa lill-konvenut diversi drabi sabiex isuq bil-galbu. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-konvenut laħaq saq ftit din il-vettura bl-attur riekeb ħdejh, u dak il-ħin is-sewqan tiegħu kien galbat, tant hu hekk li l-attur sussegwentement ħareġ mill-karozza u ħalla lill-konvenut isuq waħdu għal ftit. Kien f'dan il-ħin li l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' dieħel taħt *trailer* ipparkjat mal-ġenb tat-triq. Diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom, qalu li minkejja li l-inċident kien wieħed b'impatt

konsiderevoli, mal-art ma tħallew l-ebda marki ta' brejkijiet jew *skid marks.* Jirriżulta wkoll minn dak li xehdu r-rappreżentant ta' Transport Malta u l-VRT *tester* tal-vettura, ċertu Paul Muscat, li t-test tal-VRT fuq din il-vettura ma kienx ilu li sar, u waqt dan it-test kien ġie stabbilit li l-vettura kienet fi stat tajjeb ħafna. L-espert tekniku ġudizzjarju Mario Cumbo kkonstata li minkejja li t-*tyers* tal-vettura ma kinux imwaħħlin kif suppost, xi ħaġa li mhux suppost li kellha impatt fuq is-sigurtà tal-vettura ladarba fil-ħin tal-inċident ma kinitx nieżla xita, dawn kienu f'kundizzjoni tajba. Il-Qorti tqis li l-konstatazzjonijiet tal-espert tekniku ġudizzjarju jxejnu għalkollox l-allegazzjonijiet tal-konvenut li l-vettura in wistjoni ma kinitx fi stat tajjeb biex tinstaq. Wara kollox, il-konvenut kien ilu diversi ġimgħat jirkeb f'din il-vettura mal-attur allavolja kien jaf bil-modifiki li kienu saru fuqha, u xorta waħda ma beżax jirkeb fiha u ma qisx li din il-vettura setgħet tkun perikoluża għalih. Il-Qorti tqis dak li ntqal mix-xhieda okulari li kienu preżenti fil-ħin tal-inċident, li qalu li kien hemm kambjament fis-sewqan tal-konvenut bejn meta kien qiegħed isuq bl-attur riekeb maġenbu, u meta l-konvenut sab ruħu fil-vettura waħdu. Il-Qorti tqis li l-konvenut ikkontradixxa lilu nnifsu meta qal li tilef il-kontroll tal-vettura minħabba f'xi modifiki li kienu saru fuqha jew minħabba f'xi difett li din kellha, għaliex sa ftit qabel huwa kien saq il-vettura bl-attur riekeb maġenbu, u dak il-ħin l-andament tas-sewqan tal-vettura kien wieħed normali għall-aħħar, tant hu hekk li l-konvenut ħassu komdu jsuq waħdu għal xi ħin. Ċertament li kieku dak li qiegħed jallega l-konvenut għandu mis-sewwa, dan ma kienx ser jaċċetta li jsuq il-vettura inkwistjoni waħdu jew li jirkeb fiha ripetutament mal-attur. Id-depożizzjoni tal-esperti tekniċi li xehdu fil-kawża, tikkontradixxi l-pożizzjoni li ħa l-konvenut, billi kkonfermaw li mill-ispezzjoni li għamlu fuq il-vettura wara l-inċident, irriżultalhom li din kienet fi stat tajjeb ħafna qabel seħħ l-akkadut.

Dan huwa msaħħaħ ukoll minn dak li xehed Paul Muscat li kien għamel it-test tal-VRT fuq il-vettura, li kkonferma li din kienet fi stat tajjeb ħafna sa madwar xahar qabel seħħ l-inċident. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li għandha tilqa' t-talba tal-atturi u tiddeċiedi li l-konvenut kien negliġenti, traskurat u irresponsabbli fil-mod kif saq il-vettura, liema aġir wassal għall-inċident inkwistjoni bid-danni u l-konsegwenzi kollha li dan ġab miegħu.

29. Hekk stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi in linea tad-danni. L-atturi qegħdin jippretendu ħlas ta' kumpens għat-telf tal-vettura, ħlas għad-danni materjali sofferti minnhom konsegwenza tal-inċident, u ħlas għat-telf futur li sejjer jinkorri l-attur Christian Bugeja minħabba d-debilità permanenti li allegatament sofra konsegwenza tal-imsemmi inċident.

*Damnum Emergens:*

30. Id-danni materjali sofferti mill-atturi konsegwenza tal-inċident jammontaw għal tlett elef, ħames mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€3,563.85), hekk kif jirriżulta mill-irċevuti esebiti mill-attur Christian Bugeja u li kopja tagħhom tinsab esebita minn *fol.* 110 sa *fol.* 137 tal-proċess. Għaldaqstant dawn id-danni jirriżultaw ippruvati u l-Qorti qiegħda tillikwida d-danni materjali f'din is-somma li għandha titħallas mill-konvenut lill-attur Christian Bugeja.

31. L-espert tekniku ġudizzjarju Mario Cumbo kkonferma li l-vettura involuta fl-inċident sofriet danni sostanzjali, u jistma l-ispiża għat-tiswija tal-

vettura fl-ammont ta' €26,308.58, li x-xhud ikkonferma mhuwiex ammont konklussiv għaliex meta wieħed jibda jżarma l-vettura u jaqla' partijiet minnha, hemm il-possibilità li jsib ħsarat ulterjuri. Dan ix-xhud qal li r-*replacement value* tal-vettura jkun ta' madwar €34,000, u minn dan l-ammont irid jitnaqqas 10% tal-valur għad-deprezzament tal-vettura peress li kienet ilha fit-triq, u l-valur tar-*wreck,* li f'dan il-każ ġie stabbilit li huwa ta' €6,000. L-espert tekniku ġudizzjarju qal li għalhekk id-danni sofferti fil-vettura għandhom jiġu likwidati fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u sitt mitt Euro (€24,600). L-atturi ma qablux ma' din il-komputazzjoni, u jgħidu li l-Qorti għandha tadotta l-valutazzjoni li saret mis-*surveyor* inkarigat minnhom Natalino Agius, li qal li d-danni sofferti mill-vettura jammontaw għal €25,700. Il-Qorti tqis però li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mill-istima mogħtija mill-espert tekniku ġudizzjarju, li apparti li ħejja r-rapport tiegħu wara li spezzjona l-vettura, saritlu l-eskussjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet, u wieġeb għad-domandi li sarulu. Il-Qorti tinsab sodisfatta bit-tweġibiet li ta l-espert tekniku ġudizzjarju, u bl-ispjega tiegħu dwar kif wasal għad-danni sofferti mill-atturi minħabba t-telf tal-vettura, u għalhekk ser tkun qiegħda tillikwida d-danni rigwardanti t-telf tal-vettura fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u sitt mitt Euro (€24,600). Dawn id-danni għandhom jitħallsu lill-atturi Joseph u Rita konjuġi Bugeja li huma rreġistrati bħala sidien tal-vettura.

*Lucrum cessans:*

32. Jifdal għalhekk li jiġi stabbilit kemm huwa t-telf futur li ser isofri l-attur Christian Bugeja minħabba l-inċident, u dan wara li rriżulta li l-inċident affettwah psikoloġikament, għaliex tilef mhux biss il-vettura li tant kien iħobb

u li tant stinka sabiex seta' jakkwistaha, imma wkoll għax ħassu ttradut mill-konvenut li sa meta seħħ l-inċident kien meqjus bħala ħabib tiegħu. Il-psikjatra Dr Mark Xuereb xehed li konsegwenza tal-inċident diversi persuni nnutaw bidla fil-personalità tal-attur u fil-karattru tiegħu, u wara li tkellem mal-attur diversi drabi, huwa wasal għall-konklużjoni li dan qiegħed isofri minn trawma li qiegħda tikkawżalu debilità permanenti ta' 20%. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu li l-attur ser ikollu jiġi segwit minn espert psikoloġiku jew psikjatriku għal diversi snin wara dak li għadda minnu. Fid-depożizzjoni tiegħu dan ix-xhud spjega li b'konsegwenza tal-inċident ġiet affettwata l-abbilità tal-attur li jaħdem, għaliex dan sar aktar selettiv fl-impjiegi li jaċċetta u li jħoss li jista' jagħmel u dan minħabba t-trawma li għadu jsofri minnha wara l-inċident.

33. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, intqal illi:

> "... il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

34. Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**, ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-

> *lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, varjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

35. Mill-provi prodotti mill-attur, jirriżulta li fis-sena immedjatament qabel dik meta seħħ l-inċident, l-2016, l-attur Christian Bugeja kellu dħul nett ta' €9,912.[61] Il-Qorti tispjega li għall-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ futur, hi sejra tikkonsidra biss id-dħul nett tal-attur u għalhekk minn dan id-dħul gross trid titnaqqas it-taxxa (€122) u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li tħallsu minnu (€940.37), u għalhekk id-dħul nett tal-attur f'dik is-sena partikolari kien ta' €8,849.63. Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[62] Id-dħul tal-attur għas-sena 2016 għalhekk ser jiġi aġġustat abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[63], sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju bażiku tal-attur fis-somma ta' €8,849.63 + €12,225.76 / 2 = €10,537.70.

36. Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 35, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli.

---

[61] *A fol.* 81 tal-proċess.

[62] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2016-2020 kienu hekk: 2016 – 0.64; 2017 – 1.37; 2018 – 1.16; u 2019 – 1.64 u 2020 – 0.64. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin kienet għalhekk ta' 0.64 + 1.37 + 1.16 + 1.64 + 0.64 /5 = 1.09.

[63] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[64], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

37. Fil-każ odjern l-espert psikjatriku li eżamina lill-attur Dr Mark Xuereb, wasal għall-konklużjoni li konsegwenza tal-inċident dan qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 20%. Il-konvenut ma talabx għall-ħatra ta' espert mediku ġudizzjarju sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-grad ta' debilità sofferta minnu in segwitu għall-inċident, għalkemm il-konvenut ikkontesta dak li ntqal mill-attur li huwa kellu bżonn jirrikorri għand psikjatra wara li seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konvinta li kienu l-avvenimenti li seħħew wara l-inċident, jiġifieri t-telf tal-vettura, u s-sens ta' tradiment li ħass l-attur

[64] P.A., 10.05.2005.

minħabba l-mod kif ġab ruħu l-konvenut fil-ġimgħat ta' wara l-inċident, li wasslu biex dan kellu jfittex l-għajnuna medika ta' Dr Mark Xuereb, kif wara kollox ikkonferma Dr Xuereb innifsu.

38. L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata', f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Ċertament li ma jistax jintqal li f'dan il-każ kien hemm xi parti jew oħra li tawlet il-proċeduri inutilment, u s-sentenza qiegħda tingħata fi żmien tliet snin minn meta nbdew dawn il-proċeduri, u għalhekk il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tnaqqis minn dawn l-20%.

39. Is-salarju medju ta' €10,537.70 x *multiplier* ta' 35 x 20% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €73,763.90 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' disgħa u ħamsin elf, u ħdax-il Euro u tnax-il ċenteżmu (€59,011.12). Magħduda mad-danni attwali sofferti mill-atturi, it-total ta' danni li qegħdin jiġu likwidat minn din il-Qorti hu ta' sebgħa u tmenin elf, mija u erbgħa u sebgħin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu **(€87,174.97)**. Dawn id-danni għandhom jitħallsu kwantu għal €62,574.98 lill-attur Christian Bugeja u kwantu għal €26,400 lill-atturi Joseph u Rita Bugeja.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi, u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ f'Ħal Far nhar it-tletin (30) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fuq il-vettura tal-atturi Joseph u Rita konjuġi Bugeja, tal-għamla Toyota Supra b'numru tar-reġistrazzjoni 'JZA 300',**
3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma totali ta' sebgħa u tmenin elf, mija u erbgħa u sebgħin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€87,174.97), li għandhom jitħallsu mill-konvenut kwantu għal €62,574.98 lill-attur Christian Bugeja u kwantu għal €26,400 lill-atturi Joseph u Rita Bugeja**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**